VALLETTA
Città Umilissima

KUNSILL LOKALI VALLETTA

VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali *Valletta*

## Laqgħa Nru. 42/2016

Data: 8 ta' Awwissu 2016

Hin: 2.00pm

Post: Fl-Uffiċċju tal- Kunsill

---

Preżenti:

***Prof Alexiei Dingli*** – *Sindku*
***Dr Norman Shaw*** – *Minority Leader*
***Vincent Fabri*** – *Kunsillier*
***Vincent Farrugia Lauri*** – *Kunsillier*
***Mario Camenzuli*** – *Kunsillier*

***Gabriella Agius*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:

***Christian Micallef*** – *Viċi Sindku*
***Raymond Azzopardi*** – *Kunsillier*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri ;
5. Korrispondenza
6. Amministrazzjoni
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Aġġornament.

## Minuti - 41/2016

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru 41 – 05 ta' Lulju 2016 kienu ikkonfermati.

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

XX

3.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li t-tender tal-Perit ġiet assenjata lill-Perit Claude Busuttil kif kien deciz mil-kunsill u il-perit beda jaħdem. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li il-kunsill ħallas l-kera kollha pendenti u issa qed jistenna li ssir id-devoluzzjoni ta' Cafe Premier u tinħareġ l-kerha. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li qed isiru l-preparamenti biex isir l-ftuħ uffiċċjali ta' Peacock Garden. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li nbgħatu reazzjonijiet tal-Kunsill wara li saret il-laqgħa mal-PPS. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-kunsill rċieva l-adjustamenti fuq l-audit 2014 u l-accountants qed jaħdmu flimkien ma' l-awdituri biex jibda l-audit 2015. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li saret laqgħa ma' CEO tal-VISET biex naraw l-vizjoni tagħhom dwar il-cruise terminal u il-proġett ta' Tunnel li ġiet proposta min AX Holdings. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.7 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li Triq l-Arċisqof hija pedonali skond il-ligi għalhekk ser tibqa kif inhi. Saret diskussjoni wkoll dwar it-traffiku ta' Triq San Kristofru. Kien hemm qbil li tinqeleb triq l-Archisqof u fuq il-bicca l-ohra il-kunsill aġġorna għal laqgħa li jmis biex tkompli d-diskussjoni.
3.8 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li wara li saret l-istqarija dwar l-gwardjani lokali ħareġ li hemm issue oħra dik li l-gwardjani ma jaħdmux bil-lejl għalhekk qed isir abbuż min nies mhux residenti.

# 4. Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li wara li attenda laqgħa mal-kumitat tal-Parlament saret laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici dwar fondi addizzjonali. Saret diskussjoni dwar l-gbir tal-iskart residenzjali u d-dak kummerċjali. Saret diskussjoni wkoll dwar l-byelaw li tirregola l-iskart tal-ħwienet li kienet ġiet rifjutata. Ser issir laqgħa oħra f'Settembru biex ikomplu diskussjonijiet. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
4.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li rega' tkellem ma Ramon Deguara dwar l-bins li kellu jagħti lil kunsill tal-Belt Valletta madwar sena ilu. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
4.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser isir logbook bl-ilmenti li qed jidħlu għand l-pulizija. Jekk dawn mhux se jissolvew, il-Kunsill se jikteb lil Ministru, lil-kumissarju u jippublika l-ittra. L-kunsill kollu qabel dwar dan
4.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li kuntrattur Matthew Sammut kif mar il-kunsill lokali biex jagħmel tower crane u wkoll jingħata skond fuq il-permessi. Dan il-Kuntrattur kien akkumpanjat mil-Kunsillier Raymond Azzopardi. S-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li kien avviċina liha ukoll pero hi qaltlu biex jitkellem mas-Sindku dwar dan. Is-Segretarju ezekuttiv infurmat li kienet ghamlet post fuq facebook tal-kunsill dwar affarijiet li ntremew barra min haddiema ta kuntrattur li kien qed jahdem fi triq ir-republika. Gara li l-propjetarju ta dan il-post kien Matthew Sammut. Matthew Sammut ghamel rapport ta malafama mal-pulizija. Ls-Segrtarju ezekuttiv nfurmat li residenti kienu ilhom jaghmlu ilmenti dwar din il-propjeta li kien qed isir xoghol u qed jintremew affarijiet barra go l-iskip u anke viċin taghha. L-kuntrattur ta l-sikart anke tkellem man nies li kienu qed jahdmu minħabba li terfghu skart fl-iskip u għamlulha l-ħsara. L-Pulizija ser iresqu l-qorti lis-Segretarju ezekuttiv u l-isindku dwar dan il-kas. L-kunsill kollu qabel li il-post ma jigix irtirat.

4.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser tintbgħat proposta lil Transport Malta biex isir arrangament fid-direzzjoni ta' toroq taż-żona ta' Triq l-Imtieħen. Il-Kunsill qabel dwar dan.
4.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li saret applikazzjoni min MCC biex isiru xogħolijiet fuq il-bejt tal-Binja. Il-Kunsill qabel li ser jagħmel objection.
4.7 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li dwar twinning tarRussja ser jinnomina lil Dr Norman Shaw bħala laison person maċ-ċentru kulturali russu. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
4.8 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li Vincent farrugia ser jibda jattendi laqgħat tar-regjun. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
4.9 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ippropona biex issir metre sabiex jitkejjel il-livell ta' istorbju ġewwa strada stretta minħabba l-complaints li qed jidħlu dwar storbju.
4.10 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li saret laqa mal-PPS Sur Mario Cutajar u is-Sindku ta' Firenze dwar l-possibilita li jsir twinning ma Firenze. Is-Sindku ta' Firenze propona li jingiebu xi Tapestries il-belt bhala parti min dan l-arrangament u stieden lis-Sindku tal-Belt jitla Firenze fl-4 ta' Novembru. L-kunsill kollu qabel dwar dan.

## 5. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri

5.1 L-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li l-problema ta' istorbju fil-Belt qegħda tippersisti Nforma li kas partikolari rraporta storbju min dar Triq San Gwann li l-Pulizija ma ħadux azzjoni. Dan l-għir min naħa tal-Pulizija mhux aċċettabli. L-Kunsill kollu qabel dwar dan.
5.2 L-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa jekk tistax issir metre biex jitkejjel il-livell ta' istorbju ġewwa strada stretta minħabba l-complaints li qed jidħlu dwar storbju w l-pulizija mhux qed jieħdu azzjoni.
5.3 L-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li St Ursola street viċin l-Grandharbour hotel hemm persuna li qed titma l-ħamiem fuq il-bejt tagħha u dan qed iġib izjed ħamiem fiż-żona.

## 6. Korrispondenza

6.1 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Google biex isir kollaborazzjoni mal-Kunsill. L-kunsill qabel dwar dan.
6.2 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand WTCF dwar l-konferenza li l-kunsill jippartecipa kull sena. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
6.3 L-Kunsill rċieva korrispondenza min transport malta dwar 2 applikazzjonijiet ta disabled parking. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
6.4 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Planning Authorthy dwar infurzar fi Triq San Pawl.
6.5 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Tranport Malta dwar yellow lines li saru quddiem l-binja ta Identity Malta fi Triq l-Arcisqof. l-kunsill qabel dwar dan.
6.6 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Pulizija dwar l-kas ta' Serq. L-Pulizija nfurmaw li sa issa mħghandhomx konkluzjoni fuq il-kas. Il-Kunsill qabel dwar dan.
6.7 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Transport Malta li Silvio Scerri ha post Audrey Testaferrata de Noto
6.8 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Transport Malta dwar Electromobility Platform . L-kunsill kollu qabel dwar dan.
6.9 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand TranportMalta biex l-parkeggi ta Triq San Ursola ma jintmessux qabel jaghtu l-go ahead. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
6.10 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Transport Malta dwar parkegg ta Lotto receiver triq Zakkarija. Il-Kunsill ma jaqbilx ma dan.
6.11 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Transport Malta dwar parkegg ta Lotto receiver triq Zakkarija. Il-Kunsill ma jaqbilx ma dan.
6.12 L-Kunsill rċieva korrospondenza dwar l-FECC. Is-Sindku nforma li ser jipparteċipaw is-Segretarju Ezekuttiv u town centre manager f'konferenza f'Leuven bħala preparament ghal konferenza li ser issir Malta is-sena d-dieħla.
6.13 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Alexander Farrugia dwar l-monti nhar 31 ta lulju. Il-Kunsill nnota li din waslet tard.

## 7. Amministrazzjoni

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li wara li saru l-interviews Tiziana Micallef ġiet magħzula. IS-Sinjorina Micallef ġiet nfurmata u ser tagħti risposta jekk taċċettax l-impieg. Il-Kunsill qabel dwar dan.

7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv nforma dwar laqgħat li qed isiru mal Perit u l-Avukat tal-Kunsill dwar zvillup li qed isir fil-belt. Ġew diskuss numru ta' permessi.

7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li wara li kellu diversi rapporti min residenti fi Triq ir-Republika n-naħa t'isfel, nfurmat lil Pulizija biex jgħinu fl-infurzar. Wara li kien hemm numru ta' emails bejn is-segretarju ezekuttiv u s-Superintedent Mallia dan informa li l-kunsill ghandu jinżel jagħmel l-infurzar. Informa li l-kunsill abbanduna l-area. Nforma ukoll li l-kunsill kollu bla k...... Is-Segretarja nfurmat lid-direttur biex tara jekk għandiex tinżel tinfurza hi u dan infurmaha fin-negattiv.

## 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti

8.1 NIL

## 9. Aġġornament.

9.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata għat ***Tlieta 6 ta' Settembru fis-2.00pm***. L-kunsill kollu qabel dwar dan

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

***Prof Alexiei Dingli***
*Sindku*

***Gabriella Agius***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***8 ta'Awwissu 2016***